KUNSILL LOKALI
QALA

**MINUTI LAQGHA NUMRU 69**
**TAL-KUNSILL LOKALI QALA**

It-Tnejn, 26 ta' Ġunju, 2023.

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku Qala, illum it-Tnejn, 26 ta' Ġunju, 2023, fl-16:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Paul Buttigieg – Sindku
Ivan Cefai – Viċi Sindku
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Karl Buttigieg Buttigieg – Kunsillier
Valerie Cassar Mejlak – Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Uffiċjal Preżenti:
Heidi Grech - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresieda l-laqgħa.

## 69.1 Talba

Il-laqgħa bdiet fl-16.30pm. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

## 69.2 Qari tal-ittri tal-apoloġiji;

69.2.1 Il-membri kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa, għalhekk ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 69.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti numri 63 u 68

69.3.1 Il-minuti ta' laqgħa numru 63 li ġew ippreparati mill-Aġent Seg. Eżekuttiv u rriveduti mis-Seg. Eżekuttiv Heidi Grech kif ukoll il-minuti bin-numru 68 li ġew ippreparati mis-Seg. Eżekuttiv Heidi Grech ġew iċċirkolati minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Il-Kunsillier Karl Buttigieg talab emenda f'isem tat-triq li riedet tiġi Triq Patri Ġużepp Portelli u mhux Triq Patri Piju. Kien hemm qbil u din l-emenda saret.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

## 69.4 Komunikazzjoni mis-Sindku.

69.4.1 Is-Sindku semma li saret applikazzjoni mall-Ministeru Għal Għawdex sabiex isiru mwejjed fil-gazebos li kienu saru mill-MGOZ stess kif ukoll sabiex isiru tresllisses li jinsabu fi Ġnien il-Familja. L-imwejjed jkunu jistgħu jintużaw mill-familji li jagħżlu biex jagħmlu picnic.

69.4.2 Twaħħal l-outdoor Gym equipment fi Ġnien il-Familja li saru b'fondi minn Skema tal-Eko Gozo fi ħdan il-Ministeru Għal Għawdex. Dan seta jsir wara li l-ħaddiema tal-kunsill naddfu tajjeb l-area fejn twaħħal l-equipment.

69.4.3 Il-Kunsill ser jiġbor kwotazzjonijiet sabiex isir tisbiħ tar-roundabouts ta' Triq Patri Ġużepp Portelli minħabba li preżentament għandhom bricks kif ukoll cement fit-truf kollha mkissrin, kif ukoll isiru ż-żewġ traffic islands li hemm fil-qrib. Is-Sindku ppropona li dawn jinbidlu fi printed cement bħal ma qed isiru f'diversi postijiet madwar Għawdex. Hemm bżonn ukoll li jinbidel is-sistema tad-dawl preżenti biex b'hekk l-fanali jkollhom base aħjar ġo xhix jitwaħħlu. Kien hemm qbil unanimu li jsir dan. Għalhekk il-kunsill se jkun qed jieħu ħsieb sabiex dawn isiru.

69.4.4 Is-Sindku semma li l-fanali li kellhom jitwaħħlu fi Pjazza Mikiel Buttiġieġ mhux ser jitwaħħlu għalissa minħabba li fil-madwar għadu għaddej xogħol ta' kostruzzjoni u jekk jeħlu llum hemm possibilità li dawn jistgħu jintlaqtu minn xi trukk bħal ma ġara diġà fil-passat.

69.4.5 Il-bankijiet li hemm madwar il-bost ta' Anton Buttiġieġ fi Triq San Ġużepp hemm bżonn li jinbidlu. Is-Sindku staqsa jekk hemmx qbil li dan isir. Il-Kunsill qabel ma dan.

69.4.6 Is-Sindku semma li saret talba lill BCRS sabiex fil-lokalita tal-Qala jkollna l-magna matul il-ġranet tal-festa però qalulna li ma jistgħux.

69.4.7 Rigward il-gabbani tal-ikel għal waqt il-festa, is-Sindku ssuġġerixxa li jerġgħu jitpoġġew wara l-knisja minħabba li hemm huwa l-aħjar post. Kien hemm qbil dwar dan.

69.4.8 Is-Sindku semma li l-ġimgħa li għaddiet sar il-żbir tas-Siġar tal-pjazza mill-ħaddiema tal-MGOZ u issa dawn huma lesti għall-festa.

69.4.9 Il-ġimgħa li għaddiet il-Kunsill irċieva lment dwar ammont kbir ta' insetti fi Triq iż-Żewwieq u għalhekk ħadna azzjoni mmedjata u ġibna kuntrattur li bexx fil-viċin fuq dawn l-insetti dak in-nhar stess filgħaxija. Kien hemm ukoll il-Viċi Sindku għaliex ħafna nsetti kienu ħerġin minn għalqa li hija tal-familja tiegħu. L-għada jidher li l-għalqa nħartet u l-insetti mietu, għalhekk din il-problema ssolviet.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

69.4.10 Is-Sindku żid jgħid li bi pjaċir jgħid li kuntent bl-indafa li hawn mar-raħal u dan qed isir grazzi għall-ħaddiema li jnaddfu mat-toroq tal-Qala u b'hekk il-lokalita tagħna hija waħda nadifa.

69.4.11 Is-Sindku qal li l-bankina li hemm fil-bidu tal-belveder inbidlilha l-madum u twaħħlu tlett bankijiet ġodda. Dan kollu xogħol li sar mill-ħaddiema tal-Kunsill.

69.4.12 Il-fanal li kien jonqos fuq il-belveder wasal din il-ġimgħa u ser jitwaħħal ukoll. Il-Kunsill ħa ħsieb li jixtri bozoz żejda ħalli meta jinħarqu jkunu jistgħu jinbidlu mill-ewwel. Bħal ma tafu dan l-aħħar kien hemm problema li waslet sabiex dawn il-fanali jdumu mitfijin. Grazzi għall-electrician, l-problema instabet u nisperaw li tissolva però xorta qedgħdin jixgħelu mingħajr problemi.

69.4.13 Saru żewġ gandotti għad-dranaġġ fi Triq Papa Piju kif ukoll preżentament jidher li saru xi ħsarat fit-tarmac riżultat ta' kostruzzjoni li għaddej fl-istess triq. Għalhekk kien għaqli li ma ngħatatx t-tieni kisja ta' tarmak għaliex kieku triq ġdida kien ikollha terġa tinfetaħ.

69.4.14 Il-ħarġa għal Malta li kienet proġettata għas-27 ta' Ġunju tħassret. Il-Kunsill kien għamel komunikazzjoni mall-Arċipriet biex l-ħarġiet/attivitajiet ma jinzertawx flimkien u kien sar qbil li bħala kunsill nużaw id-data tas-27 ta' Ġunju għal-ħarġa lejn it-Trade fair f'ta Qali. Pero' ġara li ftit qabel ma' l-kunsill ħareġ l-avviż, sirna nafu li fuq il-bulettin kien hemm avviż li fl-istess ġurnata l-paroċċa kienet qed torganizza ħarġa għall-istess post. Għalhekk il-ħarġa tal-Kunsill tħassret. Jidher li tal-paroċċa tħassret ukoll minħabba li ma kellhom konkorezzanza.

69.4.15 Il-ħarġa għall-anzjani li saret mill-kunsill nhar it-23ta' Ġunju kienet suċċess u kull min ġie ħa gost. Is-Sindku rringrazzja lill-ħaddiema tal-kunsill, l-mara tiegħu, l-voluntiera, l-Fr. Charles għall-quddiesa kif ukoll lil-Lantern Restaurant li bħal dejjem joffru servizz tajjeb.

69.4.15 Il-Kunsill talab lill-MGOZ diversi drabi sabiex Triq il-Wileġ tinkines bis-sweeper u jinqata l-bużbież li hemm fuq iż-żewġ naħat tat-triq. Għalhekk biex nkomplu nżommu l-Qala aktar nadif nipproponi li l-Kunsill jibda l-proċess sabiex jinxtara sweeper żgħir li bih nkunu nistgħu nikinsu t-toroq aktar frekwenti. Is-Sindku staqsa lill-membri jekk jaqblux li jibda l-proċess għal dan l-akkwist. Is-Seg. Eżekuttiv semmiet li l-ewwel naraw ftit l-ispiża nvoluta, naraw il-budget tal-Kunsill u wara terġa tiġi ppreżentata f'laqgħa tal-kunsill għad-diskussjoni.

69.4.16 Saret laqgħa mas-Supretendent tal-Pulizija kif ukoll mal-uffiċċjal ta' Transport Malta dwar ir-rotta tat-trukkijiet fi Triq il-Mitħna. Il-Kunsill talab li jiġi nfurzat dak li kien sar qbil dwaru snin ilu. Intbgħatu l-imejls lill-kuntratturi kollha biex jimxu ma dan.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

69.4.17 Mit-2 sas-6 ta' Lulju 2023, ġejjin grupp ta' madwar 40ruħ minn Canale Montenaro. Il-Programm taż-zjara tagħhom ġie ppreparat mis-Sur Lorne Cremona. Għal-ikla ta' filgħaxija se jkunu qed jieħdu ħsieb isajrulhom l-gupp taż-żgħażagħ tal-paroċċ li dejjem tawna servizz tajjeb. Tajjeb li kull min jixtieq jattendi għall-ikel javżana qabel biex ma jkunx hemm platti żejda.

Waqt iż-żjara tagħhom ser tittella wkoll l-attivita' Lejla Għawdxija fuq il-Belveder. Din ser tiġi tqum madwar €20,000 li l-parti l-kbira minnhom ġejjin minn Skema Kulturali fi ħdan id-Dipartiment tal-Gvern Lokali li għalihom ħadmet is-Seg. Eżekuttiv Heidi Grech.

69.4.18 B'kollaborazzjoni bejn il-Kunsill u l-Għaqda Briju San Ġużepp, sar sett arbli ġodda fid-daħla tal-Qala fi Triq l-Imġarr. B'kollaborazzjoni flimkien fid-9ta' Lulju ser titella l-attivita Auto Fest li tikkonsisti f'wirja ta' karozzi li ssir fi Triq l-Imġarr. R-residenti kienu nfurmati permezz ta' ittra li ntbgħatet f'kull dar u fil-ħin tal-attivita' kien hemm l-uffiċċjali ta' Transport Malta.

69.4.19 Il-Monument li ser isir biex ifakkar il-vittmi tal-gwerra huwa lest u llum beda x-xogħol ta' preparazzjoni sabiex dan ikun jista jitpoġġa. Il-Kunsill ser jieħu ħsieb li jinħareġ avviż fil-bulettin sabiex kull min għandu xi nformazzjoni dwar xi isem li għandu jitniżżel ukoll fuq il-lapida jgħaddi l-informazzjoni lill-kunsill sabiex nassiguraw li l-informazzjoni li tinkiteb tkun waħda korretta.

69.4.20 Ser isiru korsijiet b'xejn tat-TCTC bl-isem ' Innovazzjoni diġitali għat-tfal' offruti mill-Kunsill immirati għat-tfal ta' bejn il-5 u t-12 il-sena. Dan il-kors se jibda mis-17ta' Lulju u jkompli matul il-ġimgħat tas-sajf. Għalih għandna konkorrenza tajba ħafna.

69.4.21 Is-Sindku nforma lill-membri li hu biss attenda għall-Konferenza tal-launch għal Hondoq by Night. Hu żid jgħid li l-messaġġ bl-invit li hu kien irċieva kien għaddih mill-ewwel lill-membri kollha. Bħala Kunsill ser ikun qed jidħol f'kollaborazzjoni mal-organizzaturi bħal ma sar fi snin preċedenti sabiex din l-attivita' tkun suċċess.

69.4.22 Is-Sindku rringrazzja lill-MGOZ talli ħadu ħsieb li jeħel railing tal-istainless steel ġdid fuq il-moll ta' Hondoq. Irringrazzja wkoll lill-MGOZ talli fi żmien jumejn ħadu ħsieb li mbena parti minn ċint li kien waqa fil-maltemp. Sar xogħol tajjeb ħafna għaliex dan iċ-ċint mbena fuq ringiela bricks bil-vireg u b'hekk se jkun qed jiżdied is-sigurta għal kull min ikun fuq il-moll ta' Hondoq.

69.4.23 Is-Sindku nforma lill-membri li ser jinġabru l-kwotazzjonijiet sabiex isiru l-printed concrete mar-roundabouts ta' Triq Patri Ġużepp Portelli. Kien hemm qbil sabiex dawn isiru.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttigieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

## 69.5 Tweġibiet għall-mistoqsjiet tal-Kunsilliera

### Mistoqsijiet mill-Viċi Sindku:

69.5.1 Fakkar li kif kien semma f'laqgħat preċedenti li l-Wifi tal-Knisja tal-blat ma kienx qed jaħdem u għalhekk tkellem mall-familja Attard. Informa lill-membri wara li sar jaf minn kien inkarigat għall din is-sistema, nforma lill-familja u t-technician ċċekjaw is-sistema mill-uffiċċju. Għalhekk intbgħat technician fuq il-post. Din is-sistema kienet saret mill-MGOZ u taħdem ma ta' Hondoq, b' modem installat fil-latrina ta' Hondoq. Inbidel apparat li kien fuq il-knisja tal-blat u issa hemm wifi minn fuq il-knisja. Il-Viċi Sindku semma li minħabba li l-apparat huwa jħares lejn hondoq, wifi ma kienx qed ikun hemm fil-genb u fuq in-naħa ta' wara tal-kappella u għalhekk tkellem ma tal-MITA biex jaraw jekk jistax jsir apparat ieħor n-naħa ta' wara tal-kappella.

69.5.2 Semma dwar il-possibilta' li meta tkun il-festa tan-Nadur, il-Qala jospita l-monti tan-Nadur sabiex jarma fil-pjazza talQala, dejjem bil-permess tal-Arċipriet. Hu semma li fil-pjazza hemm tabella li tindika li ma jistax isir bejh għall-qliegħ però din ma saritx mill-arċipriet preżenti u għalhekk jekk jkun hemm il-qbil nistaqsu lill-arċipriet għall-permess. Is-Sindku semma li l-uniku problema tkun it-tindif li jkun hemm bżonn li jsir wara li jżarmaw. Kien hemm qbil li għal sena oħra naħsbu sabiex naraw jekk dan huwiex possibbli li jsir.

69.5.3 Semma l-problema li qed ikun hemm bil-wurdien fil-pjazza. Is-Sindku wieġeb li se nieħdu ħsieb sabiex isir il-bexx ta' kontra l-insetti.

69.5.4 Ressaq it-talba sabiex naraw il-possibilita li ssir Stop sign mal-art fejn Zeppi's Pub għal min ikun tiela min triq it-28 ta' April. Kien hemm qbil u l-kunsill se jkun qed jressaq din it-talba lil TM. Is-Sindku fakkar ukoll sabiex nitolbu li jsir ir-refreshing taż-żebgħa tat-toroq.

69.5.5 Ressaq it-talba wkoll biex isir pole bi Stop Sign fi Triq in-Nadur fin-naħa ta' fuq. Għalkemm hemm stop sign fl-art xorta qed jibgħu ħerġin.

69.5.6 Ressaq it-talba biex isir double yellow line quddiem it-taraġ fi propjetà fi Triq il-Wardija minħabba li qed ikun hemm konfużjoni meta jipparkjaw il-karozzi fiż-żewġ naħat. Għalhekk titnaqqas il-problema fi triq fejn ġieli anka trakkijiet taż-żibel kif ukoll tal-gas ma jkunux jistgħu jgħaddu minħabba l-karozzi pparkjati. Kien hemm qbil dwar dan u se tintbagħat it-talba lill- TM.

69.5.7 Semma l-problema tat-traffiku li hemm fil-parti ta' fuq ta' Triq San Ġuzepp minħabba l-fatt li meta jkun hemm il-karozzi pparkjati u jkun ġej truck minn Triq Papa Piju IX jkollu joħroġ ħafna l-barra b'riskju li jsib vettura oħra ma wiċċhu. Għalhekk kien

hemm qbil li għandna nitolbu li jsir l-assessjar min-naħa ta' TM sabiex naraw x'l-aħjar li jsir.

69.5.8 Semma jekk nistgħux nsiru nafu Triq Strickland hix privata jew le. Ġie diskuss li rrispettivament, la triq ġdida dejjem il-gvern irid jagħmilha u mhux il-Kunsill. Se jkun qed isir kuntatt mal-lands biex naraw hix privata jew le.

69.5.9 Ressaq il-bżonn li jsir xogħol ta' patching u tingħalaq ħofra li hemm quddiem il-każin tal-banda.

69.5.10 Hemm bżonn tinżabar siġra li kibret ħafna għall-fuq il-bankina u li qegħda f'ta' Kassja. Se nkunu qed navzaw lill-Community Police sabiex ikellem lil Sid l-għalqa. Hemm ukoll siġra oħra fi Triq it-28ta' April li għandha bżonn tinżabar. Is-Sindku semma li mhux problema sabiex dawn isiru però s-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-membri li l-ewwel se tkun qed tirreferihom lill-Community Police sabiex jkellmu li-sidien biex jiġu miżbura minn naħa tagħhom.

69.5.11 Ġibed l-attenzjoni li l-video on demand tal-laqgħa numru 56 ma hux imtella kollu online, għaliex kull ma hemm huwa 8minuti. Is-Seg. Eżekuttiv wieġbet li dan sar fi żmien l-agent seg eżekuttiv u jrid jiġi rreferit lilu. Semmiet li preżentament id-dipartiment tal-gvern lokali għadu kemm bidel is-sistema ta kif jiġu uploaded l-pubblikazzjonijiet u hemm diversi kunsilli li għandhom il-problemi fosthom il-Qala. Għalhekk sakemm din tiġi riżolta mhux se tkun tista jsiru uploads.

## Mill-Kunsillier Joseph Buttigieg:

69.5.12 Fakkar dwar it-talba tiegħu li kien ressaq sabiex jinqalgħu t-tabelli tal-one ways li kienu twaħħlu minħabba x-xogħolijiet proġettati fi triq it-29ta' April 1688. Żid jgħid li n-nies qed jaqilgħuhom huma stess. Is-Seg. Eżekuttiv nfurmatu li ilna li tlabna lill-kuntrattur biex dawn jinqalgħu u ser terġa tibgħatlu u tgħidlu li filkas ser jinqalgħu mill-kunsill. Is-Sindku wkoll semma li ilu li qallu.

## Mill-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak

69.5.13 Talbet update dwar is-sqaqin tal-Wardija. Is-Seg. Ezekuttiv nfurmatha li dwar dawn kellmet lill-Perita Mariella Xuereb li qed tassisti l-kunsill f'diversi proġetti u se jkunu qed jaħdmu fuqhom fi żmien li ġej.

69.5.14 Talbet update dwar il-petizzjoni tal-buses. Is-Seg. Ezekuttiv nfurmatha li l-petizzjoni ntbagħtet u konna rċivejna imejl mis-CEO fejn intalbet li tinżamm laqgħa magħna b'data li nzertat fi żmien meta se jkun hawn iż-żjara minn Canale Monterano. Għalhekk ntalbet data alternattiva u l-kunsill diġà bagħat tlett reminders però sa issa għadna bla risposta. Malli l-Kunsill jirċievi risposta dwar meta se ssir il-laqgħa jew xi komunikazzjoni oħra dwar dan se nkun qed ninfurmakom biha. Il-Kunsilliera semmiet li



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

jkun tajjeb li jekk se tinżamm laqgħa, jekk xi resident jixtieq jiġi għandu jiġi wkoll. Is-Sindku u l-Kunsilliera V. C. Mejlak semmew li jekk hemm persuna li għandha tiġi hija Conette. Kien hemm qbil dwar dan u l-Kunsilliera V. C. Mejlak qalet li għandna nżommu lil Conette nfurmata.

69.5.15 Semmiet dwar kif il-ħajt ta' Hondoq sar issa f'dan iż-żmien. Is-Sindku wieġeb li kien ilu jistaqsi biex dan ix-xogħol isir u ġew jagħmluh issa. Kompla jgħid li x-xogħol kollu lest u kull ma kien baqa hija toqba żgħira minħabba li ma kienx baqalhom cement u mhux se jinżel ready mix għal dak il-ftit. Is-Sindku żid jgħid li jekk hemm bżonn issir mill-kunsill. Il-Kunsilliera V. C. Mejlak semmiet li mportanti li ssir għaliex jekk iweġġa xi ħadd jista jfittex lill-kunsill. Staqsiet ukoll kif jekk dan ix-xogħol sar issa, avolja f'żona turistika l-blokok ma jistgħux jitneħħew. Is-Seg. Ezekuttiv semmiet li fl-14 ta' Ġunju kitbet lill-Ministeru Għal Għawdex dwar diversi punti fosthom dwar il-blokok. Il-Kunsilliera V. C Mejlak kompliet tgħid li għandna nagħtu prijorità lil blokok u jsir pressjoni min-naħa tal-kunsill.

69.5.16 Staqsiet dwar fejn wasal il-pole tad-dawl għal-bozza solar. Is-Seg. Ezekuttiv nfurmata li l-eletrician kellu jibgħat il-kwotazzjonijiet għall-arblu sal-lum fl-4.30p.m però bqajna ma rċivejnihomx. Saret telefonata dak il-ħin stess mall-eletrician u qalilna li min kelli jtiħ il-kwotazzjoni tal-arblu baqa ma tahilux. Se nippruvaw nkomplu nagħmlu pressjoni biex niġbru din il-kwotazzjoni. Semmiet li wara li titwaħħal il-bozza għandna npoġġu ż-żewġ bankijiet u pots għaliex ilha snin titlob għalihom. Is-Sindku semma li għandna ħaddiem ma jiflaħx u xħin ikollna l-ħaddiema nkunu nistgħu naħdmu.

69.5.17 Semmiet li kellmet lill-electrician biex il-festun tal-pjazza jixgħel mit-30ta' Ġunju 2023 u s-Seg. Ezekuttiv infurmata li hi għada ma kellmitux fuqhu. Il-Kunsilliera qaltilha li kellmitu hi dwaru diġà xi darbtejn imma jkun tajjeb jekk issir ftit pressjoni mill-Kunsill biex dan isir.

69.5.18 Staqsiet dwar il-exterminator għal-ħamiem. Is-Segretarja weġbitha li saret kommunikazzjoni magħhom u li se jtuna appuntament bil-ġurnata meta ġejjin.

69.5.19 Semmiet ukoll dwar dak li kienu tkellmu meta sar il-futboll ground u li kellu jsir pitch tal-boċċi fi Ġnien il-Familja. Il-Viċi Sindku semma li biex issir pitch biss mingħajr kamra ma jmorrux u permess għall-kamra taħt sports ma jtukx. Il-Kunsilliera V. Cassar Mejlak semmiet li f'dan il-kaz jista ssir kamra tal-injam tipo ta gazebo li ma jkollix bżonn permess. Il-Viċi Sindku semma li dejjem skont fejn se tkun qed tiġi ssuġġerita l-pitch tal-boċċi. Is-Sindku ssuġġerixxa li nqabbdu lill-Perita Mariella Xuereb sabiex naraw x'jista jsir u nibdew il-proċess għall-applikazzjoni għal pitch tal-boċċi flimkien ma kamra fl-area li hemm il-fuq mill-futboll ground.

69.5.20 Staqsiet dwar il-bozoz li jridu jsiru fi Triq Forti San Antnin. Is-Seg. wieġbet li tkellmet dwarhom mas-Sindku peress li ma tkunx taf eżatt x'ġie approvat f'laqgħat li



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

fihom ma kinitx preżenti u kienet talbet kwotazzjonijiet għall-fanali però wara saret taf li dawn bozoz riedu jkunu u għalhekk qed titkellem mall-electrician biex itina l-kwotazzjonijiet meħtieġa sabiex ikunu jistgħu jsiru. Il-Kunsilliera spjegat li dawn kienet ipproponithom hi u kienet issuġġeriet li jsiru bozoz solar però mill-Ministeru kienu qalu li jridu jkunu bozoz. Is-Seg. se tkun qed tkompli taħdem fuqhom biex dawn isiru.

69.5.21 Ssuġġeriet li jsir kors tal-Macrame għall-kbar kif ukoll għaż-żgħar min-naħa tal-Kunsill. Is-Seg. nfurmat lill-membri li preżentament isiru korisjiet ta' Aqra miegħi u TCTC. Kompliet tgħid li hemm ħafna nies interessati sew għal dan il-kors kif ukoll għal oħrajn. Hi qalet ukoll li l-għalliema tal-kors kienet diġà tkellmet mall-MGOZ u qalulha li huma lesti li jgħinu finanzjarjament. Għalhekk is-Seg. Ezekuttiv issuġġeriet li jekk hemm qbil, l-għalliema tibgħat email u tinfurmana ma min tkellmet mall-MGOZ kif ukoll kemm hu l-ħlas għal dawn il-lezzjonijiet. F'kaz li l-MGOZ ma jgħinx kien hemm qbil li jiġi kkunsidrat li jkun iffinanzjat mill-Kunsill.

69.5.22 Ipproponiet li jsir film fil-Pjazza bil-kollaborazzjoni tal-Arċipriet fejn il-familja kollha tkun tista ġġib il-cushion tagħhom u jaraw il-film fil-pjazzetta. Forsi permess ta' din l-attivita' tkun tista tiġi mgħejuna xi għaqda lokali. Il-Kunsillier J. Buttigieg semma li jrid jinkiseb l-PRS Rights. Is-Sindku semma li jaqbel li ssir imma naraw skont kemm se tkun tiswa. Il-Kunsilliera V. C.Mejlak semmiet li se tiċċekja fuqha u tinforma lis-Segretarja filwaqt li s-Seg se tkun qed tara dwar l-PRS Rights. Kien hemm qbil dwar dan.

69.5.23 Ipporponiet li terġa ssir l-ħarġa l-għada tal-festa bit-train mill-Qala għal Marsalforn bit-train b' waqfa ta siegħa f'Marsalforn. Is-Sindku semma li biljetti jinqatgħu biss mill-Kunsill on a 'first come first saved basis.' Kien hemm qbil dwar dan.

69.5.24 Semmiet dwar il-problema tal-ilma fi Mġarr Road u jekk jistgħux isir xi culvert. Is-Sindku semma li meta kienet qed issir li kien hemm hafna complaints għaliex ma riedux l-ilma jaqleb għall-ġenb. Kompla jgħid li meta kien hemm il-gandott miftuħ talabhom biex jagħmlu water culvert jew jagħmlu l-pipijiet u minflok ikkuntentaw li jagħlquh bic-ciment. Il-Kunsillier Karl Buttigieg semma li hu kien fil-kunsill fi żmien li saret u mill-kunsill kienu wkoll talbu biex issir il-culvert u baqa ma sarx. Is-Sindku qal li r-residenti għandhom raġun imma jafu ta' min hu t-tort. Kont tlabt biex jgħaddu l-katusi u tlabt ħafna waqt li kien qed isir u x-xogħol min-naħa tal-MGOZ u xorta ma sarx. Il-Kunsilliera V. C. Mejlak talbet jekk tistax tpoġġi lil residenta speaker phone li kienet fuq it-telephone tagħha. Is-Sindku wieġeb li titkellem f'laqgħa oħra għaliex illum kellna laqgħa mimlija ħafna. Il-Kunsillier Karl Buttigieg ssuġerixxa li bħala kunsill naraw x'jista jsir, nibbuttaw ftit, nkellmu Perit u naraw x'jista jsir u wara nkellmu lil-MGOZ għax wara kollox xogħol ħażin li sar min-naħa tal-Ministeru. Is-Seg. Eżekuttiv fakkret li hi bagħtet imejl lill Ministeru u li kkuppjat lill kuħadd fiha però sal-lum għadna bla risposta.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

69.5.25 Ssuġġeriet li l-kunsill jorganizza attivita' ta' kayaking ma Fr. Michael fix-xhur tas-sajf u staqsiet jekk il-kunsill jaqbilx li jiffinanzja l-attivita'. Is-Seg. Eżekuttiv qaltilha li l-kunsill ma jistax japprova attività mingħajr ma jkollu stima tal-ispejjeż involuti. Għalhekk issuġġeriet li l-ewwel l-Kunsill jiġi ppreżentat bl-istima u fuqha jkun jista jiddeċiedi. Hi ssuġġeriet li jekk filkas l-kunsill jkopri parti mill-ispejjeż. Kien hemm qbil dwar dan.

## Mill-Kunsillier Karl Buttigieg

69.5.26 Semma l-bżonn li jinżabar il-bużbież fi Triq taċ-Ċawl. Is-Sindku nfurmah li ser jinqata wara li jispiċċaw triq il-Kunċizzjoni u l-area kollha.

69.5.27 Qed jipproponi li jsiru double yellow lines fi Triq il-Wardija fil-bidu tat-triq minħabba li meta jkun hemm il-karozzi pparkjati r-resident mhux qed ikun jista joħroġ mill-garaxx. It-talba se tkun qed tintbagħat lill-Transport Malta.

69.5.28 Fakkar li kellna niċċekjaw dwar jekk kienx hemm tweġiba mingħand l-avukata Dr. Claire Bonello fuq il-każ tal-Wardija. Is-Segretarja nfurmatu li se tkun qed tippreżenta l-korrispondenza.

69.5.29 Staqsa jekk kienx hemm żvilupp dwar il-kamra li tinsab fuq id-distillatur ta' Hondoq u li l-Kunsill kien talab lil-WSC biex din titwaqqa. Is-Segretarja nfurmathom li minkejja li ntbagħtu l-imejls sa issa għadna ma rċivejnix risposta dwarha. Kull ma rċivejna kien il-kuntratt dwar il-kamra li l-Kunsill qed jikri u li dawn huma żewġ affarijiet differenti. Is-Seg. se tieħu ħsieb terġa tibgħat lill-WSC.

69.5.30 Staqsa jekk kienx hemm żvilupp dwar iż-żebra crossing. Is-Segretarja se tkun qed twieġeb dwar dan mall-komuninikazzjoni li se titressaq.

69.5.31 Semma li l-peress li se tkun qed tingħalaq il-pjazza fil-weekends, jkun tajjeb li l-Kunsill itella flyer fuq il-paġna ta' facebook, jew jitqassmu bħal ma sar is-sena l-oħra. Is-Segretarja ħadet nota ta' dan.

69.5.32 Il-Kunsill kien approva li tissemma Triq l-Arċipriet Dun Anton Sultana. Staqsa jekk kienx hemm żvilupp dwarha biex filkas jiġi ordnat l-isem. Is-Sindku semma li suppost li kollox sew dwar dan.

69.5.33 Semma li ġibdilu l-attenzjoni dwar il-fatt li t-trukk qed jitħalla dejjem barra u li kieku jkun tajjeb li jinstab garaxx biex it-truck ma jitħalliex dejjem barra. Kien hemm qbil unanimu li nippruvaw nikru garaxx ta' żewġ karozzi u għalhekk s-segretarja se tkun qed toħroġ avviż (expression of interest). Is-Sindku semma li mportanti li dan ma jkunx taħt l-art. Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ fakkar ukoll fl-istickers tat-trukk. Is-Segretarju infurmatu li huma ordnati.

69.5.34 Semma biex jekk hux possibbli li ssir camera fi Triq Wied Simar minħabba li t-trukkijiet li qed iduru mar-Roundabout qed jibgħu għaddejjin kontra l-linja. Semma l-



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

bżonn li l-kunsill jpoġġi qolla li titwaħħal bic-ciment. Is-Segretarju ħa tara jekk jistgħux jżidu point oħra biex tidħol mall-applikazzjoni li l-kunsill se jkun qed jissottometti lid-DLG.

## 69.6 Applikazzjoni għall-Proġett Green

69.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li bħal ma tkellemna fil-laqgħa preċedenti l-Kunsill tal-Qala kien issottometta żewġ applikazzjonijiet għall-Proġett Green u ma kwalifika fl-ebda waħda. Is-Seg uriet u spjegat id-disinn oriġinali kif ġie sottomess, sew dak ta' Ġnien il-Familja u ieħor tal-Kunċizzjoni, San Karaw. Hemm possibilità li jerġgħu jiġu kkunsiddrati applikazzjonijiet oħra u hemm possibilità li niġu kkunsidrati jekk jsir pjan rivedut. Għalhekk saret komunikazzjoni telefonika mall-Perit Godwin Sultana fejn spjega lill-membri li hemm opportunita' li nirrevedu l-pjan oriġinali ta' Ġnien il-Familja u niġu kkunsidrati għall-green elements biss li huwa soft landscaping però l-elementi oħra nistgħu ningħataw l-għajnuna għalihom mill-Ministeru Għal Għawdex.. Kompla jispjega li jekk il-Kunsill jaqbel jaħdem sabiex jirrevedi l-pjan oriġinali u jekk jaqbel ukoll jista jsir ukoll l-area ta' wara l-ground biex issir soft landscaping. Is-Sindku staqsa dwar il-possibilta' li ssir il-boċċi pitch li ssuġġeriet il-Kunsilliera Valerie C. Mejlak. Hu semma l-issues li jistgħu jkun hemm minħabba li hija area ODŻ però ġiet diskussa l-possibilta li l-kamra li hemm bżonn tinbena tistax ssir tal-injam. Il-Kunsilliera V. Cassar Mejlak semmiet oħrajn simili li qed jinbnew u li ma jkunux fixed. Il-Perit nfurma l-membri li hija possibilita' però ovvjament proġett Green ma hux se jiffinanzja tali proġett. Kien hemm unanimu qbil li l-Perit jirrevedi l-pjan oriġinali u jiġi sottomess applikazzjoni ġdida b'soft landscaping, b'afforestation li tinkorpora wkoll il-boċċi pitch. Is-Segretarja ssuġġeriet li jekk ningħataw il-fondi taħt Proġett Green, bħala kunsill nressqu t-talba lill-Ministeru Għal Għawdex biex jkopri l-kumplament tal-ispejjeż sabiex ikun jista jsir il-proġett kollu. Il-Kunsill qabel ma dan.

Rigward il-proġett taż-żebra crossing, s-Segretarja infurmat lill-membri li se tkun qed tapplika għall-fondi mid-DPF. L-Istima għal dan ix-xogħol huwa ta' €163,000 li jkopri l-bankina ta' triq it-28ta' April 1688, z-Zebra Crossing u t-tiżbiħ tal-funtana. Jekk l-applikazzjoni tiġi milqugħa u ningħataw il-fondi, l-Kunsill se jkun qed imexxi bis-sejħa għall-offerti. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

## 69.7 Rapport Finanzjarju tal-ewwel kwart tas-sena 2023

69.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat r-rapport finanzjarju tal-ewwel kwart tas-sena 2023. Ir-rapport finanzjarju ġew approvati unanimament minn dawk preżenti u ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

Is-Segretarja nfurmat lill-membri li l-audit tal-financial statements għas-sena 2021 ingħalaq u qed nistennew il-Management letter. L-Financial Statements għas-sena 2022 intbgħatu u l-audit tiegħu għadu ma bediex.

## 69.8 Vakanza ta' Uffiċċjal Eżekuttiv

69.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li bħalma tkellimna fl-aħħar laqgħa preċedenti ninfurmakom li l-membri tal-bord se jkun kompost minn żewġ professjonisti, accountant u avukat flimkien mas-Sindku u mis-Segretarja. Il-proċedura mxiet skont ir-regolamenti tal-job plus u d-dipartiment tal-gvern lokali. Saret sejħa interna u li għaliha l-kunsill irċieva applikazzjoni waħda li ma kinitx eliġibbli u għalhekk is-sejħa imxiet għat-tieni fażi fejn il-kunsill irċieva lista ta' applikanti mill-Jobplus. Minn dawn il-kunsill irċieva biss applikazzjoni waħda u għalhekk se jkun qed isir l-interview li minnu jiddependi jekk il-proċess jimxix għat-tielet fażi jew le. F'każ li jimxi għat-tielet fażi, s-sejħa tiġi ppubblikata u miftuħa esternament.

Is-Segretarja semmiet problema dwar in-numru ta' sigħat, dak ta' ħmistax il-siegħa li qed taħdem l-iskrivana RoseAnne Azzopardi. Skont il-PSMC l-anqas numru ta' sigħat li wieħed jista jaħdem fuq reduced huwa dak ta' 20siegħa u għalhekk il-Kunsill ma jistax jaċċetta li taħdem 15-il siegħa biss fil-ġimgħa. RoseAnne se tkun qed tinfurmani jekk tistax iżżid 5 siegħat oħra jew x'deċizzjoni se tkun qed tieħu f'dan ir-rigward. L-Iskrivana l-oħra talbet li tieħu ħmistax leave minħabba żwieġ fil-familja u għalhekk il-kunsill jinsab f'sitwazzjoni diffiċli fejn jekk ma jsibx għajnuna jista jkun li ma jkollux min jiftaħ l-uffiċċju speċjalment s-Sibtijiet. Is-Segretarja semmiet il-bżonn li jinstab persuna kemm jista jkun malajr li tkun tista taħdem u tgħin għal matul iż-żmien sakemm tintela s-sejħa vakanti. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg ssuġġerixxa li niċċekjaw ma kumpaniji li jistgħu joffru dan is-servizz u jekk jinstab xi ħadd, jista jsir Contract for Service għal perjodu speċifikat. Is-Segretarja spjegat li qed taħdem siegħat twal sabiex tipprova tlaħħaq minħabba n-nuqqas ta' HR kif ukoll l-ammont ta xogħol b'lura li hemm bżonn isir u għalhekk hemm bżonn urġenti ta' għajnuna fl-uffiċċju amministrattiv. Is-Segretarja nfurmat lill-membri li ppruvat tara tistax ssib lil xi persuna u għamlet kuntatt ma kumpanija li joffru s-servizz klerikali però ma għandhomx bħalissa. Sar wkoll kuntatt ma persuna li fil-passat ġili ħadmet ftit ġranet fl-istess kunsill però ma tistax tiġi. Is-Segretarja infurmat lill-membri li qed tipprova ssib lil xi ħadd u jekk jistgħu jissuġġerixxu lil xi ħadd ikun ta' għajuna biex nassiguraw li s-servizz mill-kunsill jkun jista jkompli għaddej mingħajr problemi.

## 69.9 Akkwist ta' għamara u ta' kotba għal-librerija

69.9.1 Is-Segretarja ppreżentat id-disinn tal-għamara kif ippreparat mis-Sinjura Elizabeth li hija s-Senior Librarian responsabbli mil-Libreriji. Wara li ntalbu l-kwotazzjonijiet għall-żewġ settijiet ta' għamara, l-Kunsill irċieva erbgħa kwotazzjonijiet.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

Refalo Woodworks - €4638 (Set 1) u €3010 (Set 2) Vat eskluż

Simon Pace - €4904.24 (Set 1) u €2780 (Set 2)Vat eskluż

John Apap - €5255 (Set 1) u €2948 (Set 2) Vat eskluż

Andrew Refalo - €5500 (Set 1) u €2726 (Set 2)

L-aktar offerta vantaġġjuża ma dak rekwiżit huma ta':

Refalo Woodworks LTd – €4638 (vat eskluż)

Andrew C Refalo – €2726 (vat eskluż)

Kien hemm qbil unanimu sabiex din l-għamara tiġi ordnata skont l-aktar offerta vantaġġjuża kif indikat aktar il-fuq ħalli l-librerija tkun tista terġa tinfetaħ kemm jista jkun malajr.

69.9.2 Rigward l-akkwist ta' kotba għal-librerija, kien hemm qbil unanimu li ninvestu s-somma ta' €1000 għal-kotba ġodda għal-librerija.

## 69.10 Laqgħa mall-Awtoritajiet dwar Infurżar fi Triq il-Mitħna

69.10.1 Is-Segretarja Eżekuttiv nfurmat lill-membri li din il-laqgħa ma kinitx waħda formali imma kienet laqgħa li talbitha hi sabiex jiġu ċċarati diversi punti. Lil-Viċi Sindku stednitu għal-laqgħa hi u għamlet dan minħabba li kien hu li kien qed jibgħat diversi imejls dwarha u għalhekk riditu jisma dak li jkun qed jintqal fuqha b'mod dirett u ma jaħsibx li min naħa tiegħi ma kontx qed nieħu azzjoni. Is-Segretarja spjegat li dan ma sarx b' xi nuqqas ta' rispett lejn sħabu l-oħra imma stedintu għal din ir-raġuni.

Għalhekk l-outcome ta' din il-laqgħa kienet li l-Kunsill jibgħat imejl lill-kuntratturi kollha sabiex josservaw it-tabelli tat-toroq u li se jkun hemm l-infurzar qawwi. Issemma li kien sar xi arranġament però dan l-arranġament bil-miktub ma nstabx il-Kunsill.

Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ semma li la ma kinitx laqgħa formali, ma kellix titla post fuq facebook fejn issemma wkoll min kien mistieden. Il-Viċi Sindku żid jgħid li għalkemm issemma, hu ma kienx jaf bil-fb post.

## 69.11 Korrispondenza, Materji Amministrattivi, Imenti u suġġerimenti

69.11.1 Resident talab li jingħata l-opportunita li jressaq it-talba tiegħu fil-laqgħa. Is-Sindku u l-membri qablu li jista jitkellem. Il-Viċi Sindku fakkar f'dak li kien ġie diskuss fl-laqgħat preċedenti fejn kien ġie deċiż li titressaq il-bus



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

stop li kienet qeda eżatt quddiem it-tieqa tal-apartament tiegħu fi Triq il-Wileġ u li kienet qed toħloq inkonvenjent lir-resident. Ir-Resident spjega li din qabel kienet quddiem żewġ għelieqi battala u mxiet b'mod temporanju li spiċċa post permanenti. Ġie deċiż li l-kunsill jitlob sabiex il-bus stop terġa titpoġġa fil-post oriġinali tagħha, fejn issa baqa għalqa waħda vojta u għalhekk l-kunsill qabel li titpoġġa fid-diviżorju bejn il-vojt u l-mibni.

69.11.2 Imejl li rċivejna llum mingħand The Energy and Water Agency dwar siti identifikati sabiex fihom jsiru l-Electric Car Charging Pillars. Il-Kunsill ma jaqbilx ma dawn il-postijiet u għalhekk il-Kunsill se jkun qed jagħmel oġġezzjoni dwar dan. Il-Kunsill se jkun qed jiddiskuti postijiet alternattivi fejn jistgħu jsiru.

69.11.3 Ittra mingħand Michaela Bogen dwar proposta sabiex tittella attivita' relatata ma 'Drawing Perspectives'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

69.11.4 Korrispondenza dwar regolamenti għat-tqegħid temporanju ta' Caravans fil-Lokalitajiet. Il-Kunsill innota l-kontenut.

69.11.5 Korrispondenza mir-Reġjun Għawdex bi proposta għall-kunsilli li jixtiequ joffru Summer Camps lil tfal mill-Ukraijina. Il-Kunsill innota l-kontenut.

69.11.6 Avviż mit-Tribunal ta' reviżjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar dwar PA/08143/21 fejn jinfurmana li s-smiegħ se jsir it-Tlieta, 4ta' Lulju 2023. Il-Kunsill innota l-kontenut.

69.11.7 Talba mingħand is-Sinjura Odette Scicluna, Senior Manager responsabbli mill-programmi ta' Aqra Miegħi sabiex issir sessjoni oħra s-Sibt mill-10.15 sal-11.15a.m għal tfal ta bejn l-4 u s-7 snin. Il-kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

69.11.8 Is-Segretarju Eżekuttiv tat update dwar ir-rikors tal-appell kontra l-ħruġ tal-permess bin-numru PA1129/21. It-Tribunal ċaħad l-appell u kkonferma d-deċizjoni maħruġa mill-Awtorita' tal-Ippjanar. Il-Kunsillier Karl Buttigieg semma li hu kien qed jirreferi għall-imejl li l-Kunsill rċieva mingħand Mark ta' Dirjanu fejn qalilna li lest li jirtiera u l-kunsill żamm laqgħa b'urġenza dwar dan u qed jistaqsi x'ġara, jekk il-Kunsill kienx bagħat ir-risposta. S-Sindku qal li wieġbet l-Avukata Claire Bonello. Is-Segretarja se tkun qed tiċċekja dwar dan il-każ.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

69.11.9 Ser jinżamm l-Annual General Meeting tal-Gozo Action Group Foundation nhar it-30 ta' Ġunju 2023 fl-NGO centre ix-Xewkija, u s-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-aġenda ta' din il-laqgħa.

69.11.10 Imejl b'suġġerimenti li l-kunsill irċieva mingħand resident. Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

69.11.11 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat ir-rakkomandazzjoni mogħtija mill-Bord tal-Governanza Lokali fil-każ bin-numru 005/202. Il-Kunsill innota l-kontenut.

69.11.12 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri dwar korrispondenza li rċeviet mingħand is-CEO Transport Malta. Dan dwar l-ittra flimkien mal-petizzjoni li l-kunsill bagħat lil TM. Il-Kunsill talab sabiex il-laqgħa mitluba tiġi postposta għal data alternattiva minħabba li fil-5ta' Ġunju se tkun qed tospita grupp ta' Taljani. Minkejja diversi tfakkiriet il-kunsill għadu ma rċeviex data alternattiva.

69.11.13 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-membri dwar talba li s-Sinjur Bartolo ressaq sabiex jaħdem wara l-eta tal-irtirar liema żmien jagħlaq fl-14ta' Jannar 2023. Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni.

69.11.14 Ċirkulari numru 12/2023 – Termini u kundizzjonijiet ġodda tal-Fond ta' Ko-Finanzjament. Il-Kunsill innota l-kontenut.

69.11.15 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-membri li tlabna lill-BCRS sabiex jipprovdu magna għal żmien tal-festa però nfurmawna li huma kollha bbukjati matul dak il-perjodu. Il-Kunsilliera Valerie C. Mejlak issuġġeriet li jistgħu jsiru xi kaxxi biex fihom jinġabru l-flixken għall-Puttinu. Il-Kunsill qabel ma dan però jrid jkun hemm xi ħadd li jieħu l-inkarigu biex ibattalhom. Il-Kunsilliera Valerie C. Mejlak ser titkellem ma Puttinu Cares dwar din il-possibilita u tiċċekja jekk jkunux interessati li jieħdu ħsiebhom huma.

69.11.16 Is-Seg Eżekuttiv semmiet li l-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak talbita kif se titħallas għall-ispejjeż tal-ikla tal-Milied minħabba li skont hi kien hemm qbil li tingħata €150 peress li hi ma setatx tattendi għall din l-ikla fil-Milied. Is-Segretarju eżekuttiv infurmat lill-membri kif hija obbligata li tagħmel, li dawn l-affarijiet mhux suppost isiru u dan kien obbligu tal-agent segretarju li jieħu ħsieb li ma jsirux. Ġaladarba hi ma kinitx preżenti u lanqas ġew minuted, is-Seg Eżekuttiv talbet lill-membri kollha jikkonfermaw li kollha



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

kienu qablu li jsir dan il-ħlas. Il-membri kollha qablu li kien sar dan il-ftehim permess ta' imejl. Il-Kunsilliera V. C. Mejlak qalet li hi ma kienet talbet xejn imma kien ġie offrut lilha. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lill-kull membru kopja ta' Memo Nos 122/2010, 29/2013 u 8/2011 li jagħtu linji gwida dwar ikliet/riċevimenti organizzati mill-Kunsilli Lokali u għalkemm tifhem li dan sar b'intenzjoni tajba talbet lil kulħadd biex jimxi maċ-ċirkularijiet.

69.11.17 Is-Seg Eżekuttiv ppreżentat tlett talbiet sabiex jittellaw attivatijiet b'kollaborazzjoni mal-mużew tas-subien fejn qed jitlob li l-kunsill jipprovdu l-medalji għas-somma ta' €500, attivita' soċjali mall-Kumitat tan-nar fejn qed jitlob li l-attivita' tal-BBQ tittella b'kollaborazzjoni mall-Kunsill. Il-Kunsill huwa mitlub jieħu ħsieb l-ispejjeż relatati mal-Live Band, l-kiri tas-siġġijiet u x-xiri tal-platti disposable għall-ammont ta' bejn €700 u €800. Tressqet talba oħra għall-attivita' oħra b'kollaborazzjoni mal-banda tal-Qala, fejn talbu €3100. Is-Segretarja spjegat li ddiskutit magħhom u ġie maqbul li l-Kunsill jkopri l-ispejjeż tal-banda €1500 kif ukoll l-ispejjez marbutin mal-momentos u ritratti. Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jidħol f'kollaborazzjoni f'dawn l-attivitajiet hawn imsemmiha.

Is-Segretarja ppreżentat talba oħra li rċivejna mingħand l-arċipriet sabiex nikkolabrow fl-attivita' ta' Festa Tfal fejn l-Kunsill jixtri l-Caps li ser jitqassmu mill-Kunsill għall-ammont ta' €418 kif ukoll noffru s-servizz tal-banda flimkien mal-ilma għall-istess bandisti għall-ammont ta' €550. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

Is-Segretarja ressqet talba oħra għall-kollaborazzjoni mal-Għaqda Briju sabiex tittella l-avveniment fit-28ta' Lulju 2023. Il-Kunsill qabel li jikkollabora flimkien mal-Għaqda Briju u jipprovdi l-Band Muzikali għall-prezz ta' €255.

Is-Segretarja ressqet it-talba sabiex il-Kunsill jidħol f'kollaborazzjoni mall-Qala Saints FC biex tittella l-attivita' Hondoq by night. Kien hemm qbil unanimu li bħal ma sar fi sena li għaddiet, il-Kunsill jidħol f'kollaborazzjoni u jieħu ħsieb l-istess affarijiet bħas-sena l-oħra jiġifieri jipprovdi l-barriers, s-security officers, TM officers u portable toilets.

69.11.17 Kwotazzjonijiet:



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

L-Għeluq tal-Pjazza mit-30ta' Ġunju sal-24 ta' Settembru 2023 - €2535. Kien hemm qbil ma din il-kwotazzjoni u tajjeb li l-kunsill ifakkarhom l-importanza li l-barriers jkunu f'posthom.

Stampar tal-Kotba dwar il-vittmi tal-gwerra – Inġabru 3 kwotazzjonijiet għall istampar ta' 75 ktieb. Il-membri qablu li nordnaw 75 ktieb.
Gozo Creations - €1083 plus Vat
Portelli Print - €1169 plus Vat
A&M printing - €910 plus Vat

Il-Monument għall-vittmi tal-gwerra – Is-Segretarja ppreżentat id-disinn tal-monument kif ukoll l-istima li telgħat għal €3030. Il-membri qablu ma dan.

Akkwist ta' tabelli tat-toroq u stickers għat-truck – Intallbu 3 kwotazzjonijiet
Irċivejna kwotazzjoni 1 mingħand SMC Signs - €391.22 għat-tabelli u €141.60 għal-istickers tal-Van. Il-membri qablu ma dan.

Kwotazzjoni għal xogħol ta' tiżbir, tindif u tiżbieħ fil-ġonna tal-belveder
Agri and Pet Supplies - €379.96. Se nkunu qed nixtru wkoll ftit xtieli. Il-membri qablu dwar dan.

Kwotazzjonijiet għall-gazebo – Intallbu tlett kwotazzjonijiet u irċivejna tnejn.
Tabone Direct - €375 il-waħda. Il-Kunsill ordna 4 gazebos.
Ok Group – Ma kellhomx il-qisien mitluba.
Il-Kunsill qabel dwar dan.

Kwotazzjonijiet għall-tapiti(215il-biċċa) tal-Belveder – Intallbu tlett kwotazzjonijiet u rċivejna tlieta. Ser jinxtraw mingħand il-Hilite għall-ammont ta' € 4063 minħabba illi kienet l-aktar offerta vantaġġuża u konformi mar-rekwiżiti. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.
Hilite - €18.90 kull rubber tile
Big Mat - €22.42 kull rubber tile
Tip top - €35.99 kull rubber tile

69.11.18 Irċivejna li l-applikazzjoni tal-Kunsill għall-attivita Kulturali ġiet milqugħa mill-Ministeru għal Għawdex u ser ningħataw €25,000. Irċivejna wkoll li l-grant letter mid-DLG għall-attivita kulturali relatata wkoll għall-QIFF fejn



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

ingħatajna €18,000. Pero, ġaladarba l-applikazzjonijiet saru fuq l-istess proġett jkollna nwaqqgħu tad-DLG minħabba li ser ningħataw mill-MGOZ.

69.11.19 Is-Segretarja nfurmat lill-membri li ser tkun qed titpoġġa AED quddiem il-Kunsill.

69.11.20 Is-Segretarja semmiet dwar it-talba li l-kunsill irċieva mingħand is-Sinjur Baldacchino sabiex jagħmel xogħol ta' tiswija f' katusa u bankina li skont hu hija responsabbilta tal-Kunsill. Is-Sindku spjega d-dettalji tal-każ u l-avukat tal-Kunsill se jkun qed jibgħat tweġiba lis-Sur Baldacchino.

69.11.21 Is-Seg. Ezekuttiv infurmat lill-membri dwar id-deċiżjoni tal-Bord ta' Governanza dwar il-Każ numru 005/2020 li l-Kunsill irċieva fit-8ta' Ġunju 2023.

69.11.22 Il-Kunsill qabel li l-permessi għat-trukkijiet tal-ikel għandhom joħorġu biex isiru fi triq ta' wara l-knisja.

69.11.23 Is-Segretarja rreferit għall-programm tad-delegazzjoni minn Canale Monterano u Hungary li kienu ġejjin fit-2 ta' Lulju 2023. 40 persuna se jkunu qed joqgħodu Marsalforn filwaqt li oħrajn se jkunu qed joqgħodu għand tal-Marga b&b fil-Qala. Dwar il-grupp ta' bandisti li l-Kunsill stieden u li se jkunu ġejjin fit-23ta' Lulju 2023 se jkunu qed joqgħodu 23 fl-ITS u 7 oħrajn għand tal-Marġa B&B fil-Qala.

69.11.24 Is-Segretarja nfurmat lill-membri li l-Kunsillier Joseph Buttiġieġ mhux se jkun fuq il-bord ta' evalwazzjoni għas-sejħiet ta' offerti li jagħlqu fit-28ta' Ġunju 2023, u għalhekk ġie maqbul li l-bord jkun kompost mid-Direttur S-Sur Mark Formosa u mill-Inġinier S-Sur Mario Cauchi.

## 69.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

69.12.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 6/2023 għal perjodu ta' bejn is-1 ta' Ġunju 2023 u s-26 ta' Ġunju 2023 li tammonta għal €56,513.92 ġiet approvata u ffirmata. Ġiet preżentata wkoll kopja tal-ispjejjeż relatati ma Petty Cash li saru matul ix-xahar ta' Ġunju 2023.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

## 69.13 Tmiem il-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss

69.13.1 Il-laqgħa ġiet fi tmiema fis-19.30pm. Intlaħaq qbil fuq *tentative date* għal laqgħa li jmiss biex issir nhar it-Tlieta, 8 ta' Awwissu 2023, fl-4:30pm, b'aġenda li tiġi kkomunikata aktar il-quddiem.

Paul Buttigieg
Sindku

Heidi Grech
Segretarju Eżekuttiv